MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 695/2002/1

**Romano Cassar**

**v.**

**Esther Cremona u Charles Cremona**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ippremetta illi huwa ghandu l-qbiela tal-ghalqa maghrufa bhala ta’ Wied

is-Sewda, fil-limiti ta' Hammieri, Qormi; illi l-konvenuti huma s-sidien ta' l-ghalqa adjacenti, li minn fuqha l-attur ghandu dritt ta' passagg bir-rigel u bil-karettun u dan kif inhu stipulat fl-att pubbliku tas-6 ta' Mejju 1966 fl-atti tan-Nutar John Spiteri; illi l-konvenuti f'dan l-ahhar xahrejn ikkommettew spoll vjolenti fil-konfront ta' l-attur billi ghalqu l-entratura li taghti mill-ghalqa taghhom ghall-ghalqa ta' l-attur billi tpogga *crane* u gebel u bir-rizultat li l-access liberu ta' l-attur ghal go l-ghalqa tieghu minn dik il-fetha gie imbarrat; illi dan sar minghajr u kontra l-kunsens u minghajr ma avza lill-imsemmija inkwilini (*sic*); illi *inoltre* u fi kwalunkwe kaz l-konvenuti m'ghandhom ebda dritt li jostakolaw l-access lill-attur in ezercizzju tas-servitù ta' passagg imsemmi minghajr il-kunsens ta' l-attur; illi ghalkemm interpellati b'ittra tal-5 ta' Gunju 2002 biex inehhu l-oggetti imsemmija mill-entratura ghal go l-ghalqa tieghu u jippripristinaw (*sic*) kollox kif kien qabel huma naqsu milli jaghmlu dan; talab: 1. ghaliex il-konvenuti ma ghandhomx jigu dikjarati minn dik il-Qorti bhala li kkomettew spoll vjolenti ghad-dannu ta' l-attur billi ostakolawh milli jkompli igawdi il-pussess tas-servitù ta' passagg minn fuq l-ghalqa taghhom ghal fuq tieghu; 2. ghaliex konsegwentement m'ghandhomx l-istess konvenuti jigu ordnati jnehhu il-*crane* u gebel u materjal iehor li qed jimbarraw il-passagg liberu lill-attur u b'hekk jirrijintegrawh fil-pussess tas-servitù minnu godut; 3. ghaliex, fin-nuqqas li l-konvenuti jottemperaw ruhhom ma' kull ordni li dik il-Qorti timponi fuqhom, m'ghandux l-istess attur jigi awtorizzat biex jirrimwovi hu l-oggetti kollha li qed jimbarrawlu l-passagg liberu ghall-ghalqa tieghu u dan a spejjez tal-konvenuti u taht kull provvediment li dik il-Qorti joghgobha tipprovdi; 4. ghaliex finalment f'kaz ta' inade(m)pjenza jew ostakolu da parti tal-konvenuti biex tkun tista' tigi talvolta esegwita kull sentenza li dik il-Qorti tista' taghti, m'ghandhomx l-istess konvenuti jigu kkundannati ghal disprezz tal-Qorti u dan taht il-kondizzjonijiet li l-Qorti jidrilha opportuni; 5. bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-5 ta' Gunju 2002, bl-ingunzjoni tal-konvenut (*sic*) ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:

1. Illi huma ma kkommettew l-ebda spoll vjolenti fil-konfront tal-konvenut (*sic*) li ostakolah milli jkompli jgawdi l-pussess tas-servitù ta’ passagg minn fuq l-ghalqa taghhom fuq ta’ l-attur;

2. Illi a tenur tal-kuntratt tas-6 ta’ Mejju 1966, l-attur ghandu dritt ta’ passagg ‘bil-bhima u b’karru’;

3. Illi dan id-dritt ta’ passagg ta’ l-attur bl-ebda mod ma gie ostakolat u fil-fatt l-attur ghandu bieb li jaghti mill-ghalqa tieghu ghall-ghalqa tal-konvenuta Esther Cremona, liema bieb b’ebda mod ma gie ostakolat;

4. Illi fil-fatt, l-attur sal-lum ghadu regolarment jaccedi l-ghalqa tieghu billi jghaddi minn fuq l-ghalqa tal-konvenuta Esther Cremona;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, konfermata bil-gurament minn Esther Cremona, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tas-sebgha (7) ta’ Lulju, 2004 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:
“… tilqa l-ewwel tlett talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien tletin gurnata millum inehhu l-*crane* u l-gebel u materjal iehor li qed jinbarraw il-passagg liberu lill-attur, u f’kaz li l-konvenuti jonqsu li jirreintegraw lill-attur fil-pussess tal-passagg fi zmien hawn indikat, l-attur hu awtorizzat minn issa jirrimuovi hu l-oggetti kollha li qed jimbarrawlu l-passagg liberu kif fuq inghad, u dana a spejjez tal-konvenuti. F’dan l-istadju l-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba attrici ghax din hi intempestiva.
L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti”;

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“Jirrizulta mill-provi li l-attur igawdi minn uzu ta’ passagg minn fuq l-art tal-konvenuti; dan il-passagg l-attur kien ilu

jizercitah ghal zmien twil u dan minn meta kien zghir meta kien imur fl-ghalqa ma' missieru. Jinghad li missier l-attur kellu ghalqa bi qbiela 'l gewwa minn dik tal-konvenuti, u bil-permess ta' l-awturi tal-konvenuti kien fetah access wiesgha, li minnha [*recte*: minnu] kien jghaddi bil- *van* u dan zgur aktar minn erbghin sena ilu. Wara li missier l-attur miet, l-ghalqa tieghu bdiet tinhadem mill-attur u uliedu u dawn baqghu juzaw il-passagg minn fuq l-art tal-konvenut, li hu l-uniku access li ghandhom ghat-triq; dan il-passagg intuza bil-*van*, *truck* u *tractor*, u meta l-attur bena serer fl-ghalqa tieghu, hu ghadda l-*containers* u t-trakkijiet bil-materjal minn dan il-passagg.

"Illi recentement, il-konvenuti u uliedhom riedu li dan l-access jinghalaq u talbu mhux darda lill-attur biex jaghlaq l-istess access; dan l-attur irrifjuta li jaghmlu peress li ghandu bzonn dak il-passagg biex jidhol fl-ghalqa tieghu. L-attur gie intimat li, skond il-kuntratt ta' Mejju, 1966, hu jista' juza l-passagg biex jghaddi minn fuqu '*bil-bhima u b'karru*', u mhux b'mezzi ohra, izda l-attur wiegeb li, illum, minhabba avvanz fit-teknologija, ma jitax jibqa' juza bhima u karru, izda irid jinqeda b'mezzi mekanici, bhal *van* u trakk. Il-konvenuti m'accettawx din l-ispjegazzjoni u fil-21 ta' Mejju, 2002, ulied il-konvenuti, mibghuta minn ommhom, imblokkaw l-access billi ghalquha [*recte*: ghalquh] bil-gebel u poggew warajhom *crane* antik li ma jahdimx. B'dan il-mod, l-access li kien igawdi l-attur inghalaq, u l-konvenuti, interpellati biex inehhu l-ostakolu, irrifjutaw li jaghmlu dan u, ghalhekk, l-attur fetah din il-kawza.

"Il-pozizzjoni li hadu l-konvenuti hi li l-access hu biss bil-bhima u b'karru, u mhux bl-ingenji; fil-fatt jghidu li l-attur ghandu bieb li jaghti mill-ghalqa tieghu ghall-ghalqa taghhom, u dan il-bieb ma giex ostakolat u ghadu jintuza regolarment mill-istess attur. *Inoltre*, jallegaw li l-attur ghandu u kien juza *via* ohra ghal triq pubblika ohra (mhux minn fuq l-art tal-konvenuti) biex johrog il-prodott tieghu mill-ghalqa.

"Illi l-elementi ta' l-a[*cti*]*o Spolii*, huma tlieta, li huma (a) *possedesse*, (b) *spoliatum fuisse* u (c) *infra bimestre*

*deduxisse*, l-ispoll irid ikun vjolenti jew klandestin, *cioè*, *vi aut clam*. Kif intqal fil-kawza Xuereb Montebello vs Magri, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Gunju, 1953 (Vol. XXXVII.I.280), '*f'materja ta' spoll ma tista' tigi permessa ebda eccezzjoni qabel ma jigi reintegrat l-ispoll, ghax 'spoliatus ante omnia restituendus', billi din l-azzjoni hija ta' ordni pubbliku, u hi intiza illi tipprojbixxi illi wiehed jaghmel gustizzja b'idejh u minghajr l-intervent tat-tribunal. L-azzjoni ta' spoll hija priviliggjata, u kontra taghha mhumiex ammissibili eccezzjonijiet ohra hlief dilatorji; u l-ezami tal-Qorti ghandu jkun limitat ghall-fatt ta' l-ispoll u tal-pussess, u mhux ghall-investigazzjoni tan-natura tal-pussess ta' l-ispoljat, ghaliex il-ligi ma tirrikjedix hlief pussess materjal u ta' fatt … Ghal din l-azzjoni, l-ligi ma tirrikjedix prova tal-legittimità tal-pussess tat-turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anke kontra l-possessur in mala fede u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm il-pretenzjoni li gie kommess spoll. Hemm ir-rekwizit ta' spoll anki meta l-ispoljat gha*[n]*du s-semplici detenzjoni, u dana wkoll jekk dina d-detenzjoni tkun prekarja, jigifieri minghajr kawza guridika*'. Intqal ukoll fil-kawza Desira vs Lungaro, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Jannar, 1961, illi r-rekwiziti ta' vjolenza jew klandestinità mhux mehtieg li jinkonkorru f'daqqa, izda wahda jew l-ohra huma sufficjenti. Intqal ukoll li dwar dan ir-rekwizit tal-vjolenza, mhux mehtieg il-*vix atrox*, *cioè*, xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur jew tad-detentur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga, liema vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera spoljatrici tkun saret kontra l-kunsens ta' l-istess possessur jew detentur - *Vella vs Caruana*, deciza minn din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru, 1982, u *Borg vs Vassallo*, deciza wkoll minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2003.

"Intqal ukoll fil-kawza imsemmija *Vella vs Caruana*, li ghall-allegat spoll jista' jkun responsabbli l-konvenut anke bhala mandanti, punt li gie konfermat recentement minn din il-Qorti fil-kawza *Micallef vs Pace*, deciza fil-31 ta' Jannar, 2003.

"Gie kkonfermat ukoll, b'gurisprudenza recenti, li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll mhux mehtieg xi *animus spoliandi* - *Cardona vs Tabone*, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Marzu, 1992; *Buhagiar vs Farrugia*, deciza mill-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Novembru, 1997, *Bonano vs Bartolo*, deciza wkoll mill-istess Onorabbli Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1998, u *Orlov vs Pavia*, deciza mill-istess Onorabbli Qorti fl-14 ta' Jannar, 2002.

"Azzjoni ta' spoll tista' ssir ukoll minn ko-possessur (*Degabriele vs Bonello*, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Frar, 1991) u, *inoltre*, '*mhux mehtieg li l-pussess li jista' jithares minn azzjoni bhal din ikun wiehed esklussiv*' (*Gatt vs Cini et*, deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Frar, 2003).

"Stabbiliti dawn il-principji, il-Qorti hija ta' l-opinjoni li l-attur irnexxielu jissodisfa l-vot tal-ligi ghas-success ta' l-azzjoni *spolii*. Jirrizulta, fil-fatt, li l-attur kien igawdi minn pussess ta' passagg minn fuq l-art tal-konvenuti, u dan l-uzu kien jizercitah minn qabel missieru. Dan il-passagg kien jintuza bir-rigel u anke bl-ingenji, u *cioè*, bi trakk u, aktar regolari, b'*van*. L-alegazzjoni tal-konvenuti li l-attur ma kellux dritt juza l-passagg b'ingenji, izda biss bil-bhima u l-karettun, mhux rilevanti ghal din il-kawza ghax, bhal[a] fatt, jirrizulta li l-attur kien juza l-passagg anke b'*van*, u la hekk kien juzah, kellu l-pussess jew ta' l-anqas id-detenzjoni ta' l-istess passagg, u ma jistax jigi mcahhad minnu jekk mhux bi process gudizzjarju. Jekk il-konvenuti qed joggezzjonaw ghal dan l-uzu, jridu jressqu l-ilment taghhom quddiem il-Qrati, u ma jistghux jiehdu l-ligi b'idejhom u, unilateralment, iwaqqfu lill-attur mill-uzu tal-passagg li kien ilu jizercita ghal zmien twil.

"Hu daqstant iehor irrilevanti, ghal fini ta' din il-kawza, li l-attur m'ghadx ghandu bzonn aktar dan il-passagg ghax jista jipprovdi access iehor ghalih minn fuq art ohra mahduma minn hutu, ghax l-iskop ta' din il-kawza hu biss ir-reintegrazzjoni fil-pussess, u xejn aktar. Kif intqal, din il-Qorti hija konvinta li l-attur kellu l-pussess u/jew id-detensjoni tal-passagg in kwistjoni, u din il-konvinzjoni l-

Qorti ikkonfermata anke wara l-access li hi zammet fuq is-sit.

"Fil-fatt, jirrizulta li bejn l-ghalqa ta' l-attur u l-ghelieqi mahduma minn hutu hemm hajt tas-sejjiegh ohxon u ftit gholi, u biex l-attur jasal ghat-triq l-ohra indikata mill-konvenuti jrid juza passagg dejjaq biswiet l-ghelieqi ta' hutu, u ghalhekk, ghal prodotti tieghu l-attur ma setax kien qed juza l-*van* jekk mhux tal-fetha in kwistjoni ghal fuq l-ghalqa tal-konvenuti. Uzu tal-passagg u l-fetha jidher li kien isir, u dan l-uzu ma jistax jitwaqqaf jekk mhux wara proceduri gudizzjarji appos[i]ti li jaghtu affidament lit-tesi tal-konvenuti.

"Ma giet eccepiet [*recte*: eccepita] ebda eccezzjoni li l-uzu tal-passagg bl-ingenji kien isir b'mera tolleranza (kif inhu mehtieg biex il-Qorti tkun tista' tezamina dik is-sottomissjoni - ara Vol. XLI.I.245; f'kull kaz, tajjeb li jigi precizat ukoll illi l-kwistjoni ta' tolleranza, m'ghandhiex tigi ezaminata f'gudizzju semplicement possessorju privileggjat - <u>*Fenech vs Bonanno*</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998), u, f'kull kaz, mic-cirkustanzi kollha, din il-Qorti mhix konvinta li l-attur kien jaghmel dak l-uzu mill-passagg in kwistjoni. Fuq kollox, kif gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza <u>*Attard vs Attard*</u>, deciza fil-15 ta' Ottubru, 1998, pussess qasir, sahansitra <u>pussess momentaneu</u>, huwa bizzejjed biex jirradika l-azzjoni ta' spoll.

"Anke jekk l-attur kellu obbligu, wara li juza l-passagg, li jimblokka l-access, u dana m'ghamlux, xorta ghandu dritt jiddefendi l-pussess tighu bl-*actio spolii*. Kif argumentat din il-Qorti f'kaz analogu, fil-kawza <u>*Fenech vs Fenech*</u>, deciza fit-3 ta' Ottubru, 2003:

'*Jigi sottolinejat illi anke kieku stess, u dan qed jigi sottomess gratia argomenti kellu jigi accettat illi l-attur kien tenut jikkonsenja c-cwievet u jekk dan m'ghamlux il-pussess tieghu kien wiehed illegittimu, xorta kien ikun jissussisti l-element ta' spoll mehtieg ghall-iskop ta' l-actio spolii. Fi kliem iehor, xorta wahda l-ispussessament forzat u arbitrali ta' pussess illegittimu kien jintitola lill-attur*

*li jezercita l-azzjoni de qua u jesigi l-pjena re-integrazzjoni fil-pussess jew detenzjoni*'.

"Intqal ukoll, ghal kull *buon fini*, minn din il-Qorti fil-kawza <u>Vella vs Vella</u>, decisa fl-4 ta' Novembru, 1957:

'*Mhux mehtieg li jkun hemm il-privazzjoni totali tal-haga imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet, jew hsara lil min isofri l-ispoll; u ghalhekk huwa wkoll indifferenti z-zmien li jkun dam l-ispoll u l-entità tat-tfixkil jew hsara lill-ispoljat*'.

"Il-fatt, *kwindi*, li l-attur thalla jghaddi bir-rigel ma jinewtralizazz [*recte*: jinnewtralizzax] il-fatt li hu gie mizmum milli jghaddi bl-ingenji minn fuq l-art tal-konvenuti, u agir bhal dan ghandu dejjem jitqies agir abusiv u spoljanti.

"Jirrizulta wkoll li l-attur gie mcahhad minn dan l-uzu minghajr il-kunsens tieghu u kontra r-rieda tieghu, u l-kawza saret fi zmien xahrejn mill-att spoljattiv; fil-fatt, l-att spoljattiv sehh fil-21 ta' Mejju, 2002, u l-kawza saret fit-18 ta' Gunju, 2002, *entro* t-terminu ta' xahrejn rikjest mil-ligi.

"It-tlett elementi rikjesti mill-ligi ghal ezercizzju ta' din l-azzjoni jirrizultaw, *kwindi*, pruvati, u l-azzjoni attrici ghandha ghalhekk, tirnexxi. L-azzjoni, kif intwera, tista' ssir anke jekk il-konvenut ma kienx hu personalment li holoq l-ostakolu, izda kien qabbad lil xi hadd jaghmel dan. Jirrizulta mill-provi li l-konvenuti qab[b]du lill-uliedhom jghalqu l-access bil-gebel u *crane*, u *kwindi*, bhala mandanti ta' l-att spoljattiv, ghandhom jirrispondu ghal dak li sehh."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu:
"… lill-din il-Qorti ta' l-appell tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet fuq citati, billi tilqa' [l-]aggravji ta' l-appellanti u tichad it-talbiet tas-socjetà appellata [*sic*], bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà appellata";

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta illi l-appell ghandu jigi michud u illi s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra (l-)konvenut appellant (*sic*);

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenuti appellanti kontra s-sentenza appellata huma bazikament is-segwenti:
1. Fi kliem ir-rikors ta' appell (fol. 90):
"Illi l-Ewwel Qorti naqset illi tapprezza id-differenza bejn id-dritt ta' passagg vantat mill-attur fic-citazzjoni u li ghalih saru l-eccezzjonijiet, u d-dritt ta' passagg vantat mill-attur fil-mori tal-kawza, u li fuqu l-Qorti donnha ibbazat is-sentenza taghha";

2. Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi prodotti meta, fi kliem ir-rikors ta' appell (fol. 92):
"… rriteniet illi gie pruvat sodisfacentement illi l-konvenuti esegwew l-att spoljattiv, stante li gie pruvat li kienu 'qabbdu lill-uliedhom' jaghlqu l-entratura l-kbira bil-gebel u *crane*, u kwindi ghandhom jirrispondu ghall-att spoljattiv anke jekk huma ma esegwewx l-att spoljattiv huma stess";

3. Illi l-ewwel Qorti ma kienitx legalment korretta meta, fi kliem ir-rikors ta' appell (fol. 93):
"… ddikjarat illi peress li ma inghatatx ebda eccezzjoni li l-uzu tal-passagg bil-vetturi, jew ingenji, mill-fetha l-kbira, kien isir b'mera tolleranza, din il-kwistjoni ghandha tigi skartata, u li fi kwalsiasi kaz, l-kwistjoni ta' tolleranza m'ghandhiex tigi ezaminata f'gudizzju semplicement possessorju privileggjat";

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-ewwel (1) aggravju tal-konvenuti, ghalkemm minn qari tas-sentenza appellata jista', b'xi mod, jinghad illi l-konvenuti ghandhom ragun isostnu illi "l-Ewwel Qorti naqset illi tapprezza id-differenza bejn id-dritt ta' passagg vantat mill-attur fic-citazzjoni u li ghalih saru l-eccezzjonijiet, u d-dritt ta' passagg vantat mill-attur fil-mori tal-kawza", xorta wahda jista' jinghad illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur irnexxielu jipprova illi huwa kien igawdi l-pussess illi qed jipprova jittutela permezz ta' l-ewwel (1) talba tieghu;

Permezz ta' din it-talba l-attur qed jitlob illi l-konvenuti "jigu dikjarati minn din l-Onorabbli Qorti bhala li kkommettew spoll vjolenti ghad-dannu ta' l-attur billi ostakolawh milli ikompli igawdi il-pussess tas-servitù ta' passagg minn fuq l-ghalqa taghhom ghal fuq tieghu". Dina l-Qorti hija konvinta illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-servitù ta' passagg bil-"bihma u bil-karru" vantat mill-attur - u illi l-konvenuti jammettu illi jezisti - kien jigi ezercitat minn fetha illi tidher imbarrata bi knatan fir-ritratti esebiti, fosthom dawk markati "Dok RC6" u "Dok RC8". Ghall-finijiet tad-determinazzjoni ta' l-ewwel (1) talba attrici huwa immaterjali jekk meta gie kommess l-allegat spoll is-servitù ta' passagg in kwistjoni kienitx qed tigi ezercitata "bil-bhima u bil-karru" jew b'xi mezzi ta' trasport differenti ghaliex huwa zgur illi minhabba l-imsemmi imbarrar bil-knatan l-attur ma jistax jezercita l-imsemmija servitù, anqas "bil-bhima u bil-karru". Il-kwistjoni jekk is-servitù hijiex qed tigi ezercitata mill-attur *ai termini* tal-kuntratt relativ tista' forsi tigi esplorata fi proceduri gjudizzjarji ohra izda ma tistax tigi investita f'din il-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti, in sostenn tat-tieni (2) aggravju taghhom, issottomettew hekk fir-rikors ta' appell (fol. 92):
"Qabel xejn jinghad illi l-konvenut Chalres [*recte*: Charles] Cremona ma jigix ir-ragel tal-ko[n]venuta Esther Cremona izda binha. Fil-fatt lanqas ma jirrizulta li Charles Cremona ghandu ulied. Barra minn hekk, ghandu jinghad, li ma ngabet ebda prova mill-appellat sabiex tissostanzja l-konkluzjoni tal-Qorti li l-konvenuti kienu

‘mandanti ta’ terzi’, liema terzi allegatament kkommettew l-att spoljattiv”;

L-appellanti ghandhom ragun jghidu illi l-konvenut Charles Cremona mhux ir-ragel tal-konvenuta Esther Cremona izda huwa binha. Però, fil-kaz odjern, il-mod kif inhuma parentati il-konvenuti ma ghandu ebda importanza ghal dik illi hija d-determinazzjoni tar-responsabbiltà ghall-kommissjoni ta’ l-att spoljattiv; dak illi huwa importanti, f’dan ir-rigward, huwa jekk l-appellanti ghandhomx ragun isostnu illi “ma ngabet ebda prova mill-appellat [l-attur] sabiex tissostanzja l-konkluzjoni tal-Qorti li l-konvenuti kienu ‘mandanti ta’ terzi’, liema terzi allegatament kkommettew l-att spoljattiv”. Huwa tajjeb, ghalhekk, illi jigi konstatat x’jirrizulta mill-provi prodotti.

Fl-*affidavit* tieghu,ipprezentat permezz ta’ nota tas-sitta (6) ta’ Frar, 2003, l-attur, fost affarijiet ohra, jghid hekk (fol. 18):
“Fil-21 ta’ Mejju 2002, Charles Cremona u huh gie fuqi u ordnali [*sic*] biex nghalaq l-access il-wiesa, izda irrifjutajt li naghmel dan ghar-ragunijiet li digà spjegajt u dak in-nhar stess filghaxija ghalqu bil-gebel, billi qalghu il-kancell u ghamlu l-gebel u tefghu *crane* antik, li ma jahdimx quddiem l-istess post fil-propjetà taghhom. Dakinhar stess jiena cempilt lil <u>Esther</u> [il-konvenuta] u saqsejtha jekk tafx x’ghamlu t-tfal u hi <u>qalet li hi kien[et] baghadilhom</u> [*recte*: baghtithom] <u>jaghlqu</u>” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Il-konvenuta Esther Cremona ghamlet *affidavit* fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Jannar, 2004 illi gie ipprezentat mill-konvenuti fl-istess gurnata permezz ta’ nota. L-imsemmija konvenuta la f’dan l-*affidavit* u anqas b’xi mod iehor ma cahdet dak illi qal dwarha l-attur fis-silta appena citata mill-*affidavit* tieghu;

L-attur xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza mizmuma mill-ewwel Qorti fit-tmintax (18) ta’ Frar, 2004 u, fost affarijiet ohra, qal hekk (fol. 40):
“Mill-*affidavit* tieghi jirrizulta li l-kancell tnehha darbtejn. Tnehha darba u jien ergajt ghamiltu u mbaghad rega’ tnehha it-tieni darba u <u>ghalquh bil-gebel</u>. Meta tnehha l-

kancell l-ewwel darba ma nafx ezatt però xi jiem qabel ma tnehha t-tieni darba. Jigifieri xi ftit jiem qabel il-21 ta' Mejju 2002. … Fit-tieni okkazjoni … ma rajthomx jaqalghu il-kancell però insertajthom ipoggu l-ahhar ftit gebel u mort nigri nirraporta l-ghassa. Lil dawk li rajt ipoggu l-ahhar sular [filata?] ta' gebel kienu Charles Cremona [il-konvenut] u hutu Christopher u Noel" (sottlinear ta' dina l-Qorti);

Il-konvenut Charles Cremona ma xehedx f'din il-kawza u, konsegwentement, dak illi qal dwaru l-attur fis-silta appena citata mill-kontro-ezami tieghu ma giex kontradett;

Huwa evidenti, ghalhekk, illi jirrizulta sodisfacentement pruvat illi l-konvenuta Esther Cremona inkarigat lil terzi sabiex jesegwixxu l-att spoljattiv lamentat mill-attur u illi l-konvenut Charles Cremona ippartecipa personalment fl-esekuzzjoni ta' l-istess att;

Konsegwentement, it-tieni (2) aggravju ta' l-appellanti mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, in vista ta' dak illi inghad minn dina l-Qorti waqt illi kien qed jigi konsidrat l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellanti, jigiefieri illi huwa zgur illi "minhabba l-imsemmi imbarrar bil-knatan l-attur ma jistax jezercita l-imsemmija servitù, anqas 'bil-bhima u bil-karru'", ma hemmx lok illi jigi konsidrat it-tielet (3) aggravju ta' l-appellanti. Infatti, is-servitù ta' passagg bil-'bhima u bil-karru' in kwistjoni l-attur igawdiha bi dritt u mhux b'mera tolleranza tal-konvenuti;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi t-terminu ta' tletin (30) gurnata stabbilit fid-disposittiv ta' l-istess sentenza ghandu jibda jiddekorri mil-lum;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------